# Dikjarazzjoni

## tal-parteċipanti fil-konferenza tal-European Multiple Sclerosis Platform, Malta, Mejju 2003

Filwaqt li nagħrfu d-differenzi kbar fl-Ewropa li jħabbtu wiċċhom magħhom ċittadini milquta bl-Isklerożi Multipla, aħna r-rappreżentanti tal-EMSP nagħmlu sejħa sabiex ikun hemm trattamenti u servizzi li:

- jagħtu għarfien d-dinjità personali
- jaraw kif iżidu l-potenzjal personali
- jagħmluha possibbli għal nies milquta bl-MS li jkunu nvoluti għal kollox fl-għoti tas-servizzi, u anki jkunu f'qagħda li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet
- iżommu quddiem għajnejhom il-firxa sħiħa ta' implikazzjonijiet fiżiċi, konjittivi, emozjonali u soċali ta' nies milquta bl-MS
- ilaħħqu ma' standards ta' kwalitr Ewropej li dwarhom kien hemm qbil
- ikunu suġġetti għal evalwazzjoni u titjib kontinwu
- ikunu aċċessibbli u f'waqthom
- jingħataw minn professjonisti mħarrġa u ta' esperjenza
- jingħataw lil kulħadd indaqs u b'mod effiċjenti, kienu x'kienu l-fruntieri ġeografiċi, organizzattivi u professjonali

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, niddikjaraw l-impenn tagħna li:

- naħdmu flimkien mal-programmi ta' l-istituzzjonijiet Ewropej fil-qasam tas-Saħħa, inklużjoni soċjali u non-diskriminazzjoni bil-għan li nippromwovu il-prinċipju u l-prattika tat-trattament u servizzi ndaqs lil persuni fl-Ewropa milquta bl-MS
- nissapportjaw azzjonijiet meħuda flimkien u ko-operazzjoni ma' organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi fil-qasam mediku, kif ukoll ma' aġenziji governattivi, bil-għan li jkunu mplimentati il-"Linji-gwida dwar Terapiji għal Persuni milquta bl-MS"
- nidħlu f'diskussjonijiet fuq livell għoli ma' istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea sabiex, fl-ambitu tal-Konvenzjoni dwar il-ġejjieni ta' l-Ewropa, nesploraw kompetenzi ġodda ta' l-Unjoni li jistgħu iġibu 'l quddiem l-isforzi tagħna biex:

  - ◆ ikun hemm aktar riċerka assoċjata ma' l-MS fuq livell nazzjonali, Ewropew u dinji
  - ◆ ikun hemm kuxjenza aħjar dwar l-importanza ta' aktar impjiegi għal nies bl-MS
  - ◆ jintlaħaq trattament u servizzi ndaqs ta' kwalità għolja għall-Ewropej kollha milquta bl-MS
  - ◆ ikun hemm aċċess totali għal kull bini pubbliku u għas-servizzi fl-Ewropa kollha

- nagħmlu kampanja kbira bil-għan li ma' l-Ewropa kollha jkun hemm aktar kuxjenza dwar il-ħtieġa li l-awtoritajiet, fuq kull livell, jissapportjaw il-ħidma tagħna għal kwalità aħjar ta' ħajja u għal ġejjieni isbaħ għal kull Ewropew milqut bl-MS.

# Declaration

## by the participants of Meeting of the European Multiple Sclerosis Platform, Malta, May 2003

Acknowledging the dramatic differences across Europe faced by citizens affected by Multiple Sclerosis, we, representatives of EMSP, call for treatments and services that

- recognise personal dignity
- seek to maximise personal potential
- enable people affected by MS to be fully involved in and influence decisions about service provision
- take account of the full range of physical, cognitive, emotional and social implications of being affected by MS
- meet agreed European quality standards
- are subject to continual evaluation and improvement
- are accessible and timely
- are delivered by appropriately skilled and experienced professionals
- are provided equitably and efficiently, irrespective of geography or organisational professional boundaries

To achieve these goals, we affirm our commitment to:

- Working collaboratively with the European Institutions' programmes and policies on health, social inclusion and non discrimination to promote the principle, and practice of equal treatment and services for people affected by MS across Europe
- Supporting concerted action and cooperation with relevant European medical NGOs and governmental agencies for the implementation of "European Wide Guidelines on Therapies for People affected by MS "
- Holding high level discussions with the EU institutions to explore, in the framework of the Convention on the future of Europe, new EU competencies that can advance our endeavours for
    - more MS related research on national, European & worldwide level
    - better awareness on the importance of continued employment for persons with MS
    - Achieving high quality equitable treatment and services for all Europeans affected by MS
    - Universal access to public buildings and services throughout Europe
- Engaging in a major awareness campaign across Europe to ensure stakeholders at all levels support our drive towards a better quality of life and brighter future for every European affected by MS.